Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1520/2007**

tad-19 ta' Diċembru 2007

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf tal-bhejjem

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 335, 20.12.2007, p. 17)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1119/2010 tat-2 ta' Diċembru 2010	L 317	9	3.12.2010
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1018/2012 tal-5 ta' Novembru 2012	L 307	56	7.11.2012
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/38 tat-13 ta' Jannar 2015	L 8	4	14.1.2015
►**M4**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1053 tal-1 ta' Lulju 2015	L 171	8	2.7.2015

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1520/2007

tad-19 ta' Diċembru 2007

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf tal-bhejjem

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem ([1]), u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf imressqa skond id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-addittivi elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament tressqu qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu dwar dawk l-applikazzjonijiet, kif ipprovdut fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE, tressqu lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Dawk l-applikazzjonijiet għalhekk għandhom jibqgħu jitqiesu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

([1]) ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).

([2]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

▼B

(5) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu *Saccharomyces cerevisiae* (MUCL 39885) ġie awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-baqar imrobbija għall-ħalib, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 879/2004 ([1]). Tressqet informazzjoni ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu għal baqar imrobbija għall-ħalib. Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu, kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(6) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu *Enterococcus faecium* (DSM 10663/NCIMB 10415) ġie awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għad-dundjani għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1801/2003 ([2]). Tressqet informazzjoni ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu. Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu, kif speċifikat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(7) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu *Enterococcus faecium* (DSM 10663/NCIMB 10415) ġie awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-klieb mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2004 ([3]). Tressqet informazzjoni ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu. Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu, kif speċifikat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(8) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu *Lactobacillus acidophilus* (D2/CSL CECT 4529) ġie awtorizzat provviżorjament għat-tiġieġ għall-bajd, għall-ewwel darba, mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2154/2003 ([4]). Tressqet informazzjoni ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu. Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu, kif speċifikat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

([1]) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 65.
([2]) ĠU L 264, 15.10.2003, p. 16.
([3]) ĠU L 243, 15.7.2004, p. 10. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1812/2005 (ĠU L 291, 5.11.2005, p. 18).
([4]) ĠU L 324, 11.12.2003, p. 11.

▼B

(9) L-użu tal-preparazzjoni ta’ enżimi ta’ endo-1,4-beta-glucanase, EC 3.2.1.4 prodotta minn *Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 142) ġie awtorizzat provviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnienes, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 ([1]). Tressqet informazzjoni ġdida b’appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta’ żmien ta’ dik il-preparazzjoni ta’ enżimi. Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għal-hekk, l-użu ta’ dik il-preparazzjoni ta’ enżimi, kif speċifikat fl-Anness V ta’ dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta’ żmien.

(10) Il-valutazzjoni ta’ dawn l-applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri għandhom jiġu rikjesti sabiex il-ħaddiema jkunu mħarsa mill-espożizzjoni għall-addittivi stipulati fl-Annessi. Din il-protezzjoni għandha tiġi assigurata permezz ta’ l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([2]).

(11) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità ma’ l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta’ l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M1

_____

▼M4

_____

▼M3

_____

▼B

Artikolu 5

Il-preparazzjoni li tagħmel parti mill-grupp “Enzimi”, kif speċifikat fl-Anness V, hija awtorizzata mingħajr limitu ta’ żmien bħala addittiv fl-għalf ta’ l-annimali bil-kundizzjonijiet stipulati f’dak l-Anness.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

_____

▼M4

_____

▼M3

_____

([1]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 15.

([2]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).

▼B

ANNESS V

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
Enzimi								
E 1616	Endo-1,4-beta-glucanase EC 3.2.1.4	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-glucanase prodott minn *Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 142) li għandha attività minima ta': Għamla solida: 2 000 CU ([1])/g Għamla likwida: 2 000 CU/ml	Ħnienes (miftuma)	—	350 CU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-preparazzjonijiet, indika t-temperatura li fiha għandhom jinħażnu, kemm jistgħu jdumu maħżuna u l-istabbilità għall-pelleting. 2. Doża rakkomandata għal kull kilogramma ta' għalf sħiħ: 350-1 000 CU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polysaccharides li mhumiex tal-lamtu (fil-biċċa l-kbira betaglucans), eż. li fihom aktar minn 40 % xgħir. 4. Għall-ħnienes miftuma sa piż approssimattiv ta' 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien

([1]) 1 CU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0 128 mikromoli ta' zokkor riduttiv (ekwivalenti ta' glukożju) minn beta-glucan tax-xgħir fil-minuta f'pH ta' 4,5 u 30 °C.